# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 401/2015/1 MH**

**Maria Teresa *sive* Marthese Cachia, Josephine Ciappara, Carmen Spiteri u Emanuela *sive* Lilian Farrugia**

**v.**

**Salvinu Caruana u permezz ta' digriet tat-30 ta' Ġunju 2015 Charlene Caruana ġiet maħtura bħala kuratur deputat biex tidher għall-assenti George Caruana li jinsab imsiefer l-Awstralja**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan il-każ jirrigwarda l-istitut tal-***legato di cosa altrui*** li dwaru hemm diżgwid bejn il-kontendenti, li huma sitta mis-seba' wlied[1] ta'

[1] Ħuhom Philip Caruana mhux parti fil-kawża

Antonia u John Caruana. Filwaqt li l-aħwa huma lkoll eredi ta' ommhom, huwa l-konvenut George Caruana biss li huwa l-eredi tal-missier, u l-missier ħalla bi prelegat lill-konvenut l-ieħor Salvinu Caruana għalqa li tinsab fit-telgħa tal-Girgenti, liema għalqa ma kinitx proprjetà parafernali tiegħu iżda kienet tappartjeni liż-żewġ ġenituri. Fl-2014 George Caruana (l-uniku eredi tal-missier) immitta lil Salvinu Caruana (il-legatarju) fil-pussess tal-għalqa in kwistjoni. L-atturi jgħidu li la huma disposti jbiegħu sehemhom mill-għalqa u lanqas ma huma jaċċettaw il-valur indikat fit-testment. <u>Għalhekk fid-29 ta' April 2015 l-atturi intavolaw dawn il-proċeduri fejn talbu lill-Qorti</u>:

(i) tiddikjara li kull wieħed minnhom għandu $^{1}/_{14}$ mill-għalqa in kwistjoni u li dan is-sehem qatt ma seta' jiġi trasferit lil ħadd jekk mhux bil-kunsens tagħhom;

(ii) tħassar id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula mill-konvenut Salvinu Caruana (22.04.2014) f'dak kollu li jirrigwarda l-ishma proprjetà tagħhom mill-għalqa in kwistjoni;

(iii) tħassar l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-04.12.2014 għal dak li jirrigwarda s-sehem tagħhom mill-għalqa in kwistjoni;

(iv) tordna lill-konvenuti jew min minnhom jgħaddu kopja taċ-ċavetta tal-għalqa biex jiġu reintegrati fil-pussess tal-beni tagħhom.

2. <u>Permezz ta’ sentenza mogħtija fit-8 ta’ Ottubru 2018</u> il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

3. <u>Fit-18 ta’ Ottubru 2018 l-atturi interponew appell</u> quddiem din il-Qorti fejn talbuha tħassar kompletament is-sentenza appellata, u minflok tilqa’ t-talbiet kollha tagħhom bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

4. Għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell din il-qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

“**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors tal-atturi tad-29 ta’ April 2015** li permezz tiegħu premettew:

*1. Illi l-atturi u l-konvenuti huma ilkoll l-unici ulied tal-mejtin John Caruana, li miet fit-tmintax ta’ Jannar tas-Sena Elfejn u Erbaghtax 18/01/2014 – [Dok A hu ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu] u Antonia Caruana neè Farrugia [li mietet fit-tmintax ta’ Lulju tas-sena Elf Disa’ Mija Erba’ u Tmenin (18/08/1984) – Dok B hu ċ-ċertifikat tal-mewt tagħha];*

*2. Illi l-atturi huma eredi ta’ ommhom f’ sehem ta’ parti minn sebgħa kull waħda, pero’ mhumiex eredi ta’ missierhom. Dok C u D huma ir-riċerki testamentarji ta’ omm l-atturi Antonia Caruana. Dok E huwa l-aħħar testment tagħha;*

*3. Illi stante li nofs l-għalqa ‘St. Joseph’ fit-telgħa tal-Girgenti, limiti tas-Siġġiewi, kienet proprjeta’ ta’ Antonia Caruana (omm il-partijiet u mart id-decujus John Caruana), li l-eredi tagħha huma uliedha kollha f’ishma indaqs; l-esponenti uliedha huma għalhekk proprjetarji kull waħda ta’ parti minn erbaghtax (1/14) ta’ l-istess għalqa;*

*4. Illi permezz ta’ testment datat l-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena Elfejn u*

*Tnax (2012) in atti tan-Nutar Pubbliku Dott. Mary sive Mariella Mizzi, id-decujus John Caruana ħatar, innomina u institwixxa bħala werriet universali uniku tiegħu, padrun assolut tal-ġid kollu tiegħu lil konvenut George Caruana, li joqgħod l-Awstralja bis-sostituzzjoni ta' l-ulied rispettivi tiegħu f'każ ta' premorjenza. Kopja tat-testment hija annessa u mmarkata bħala Dok F1 – Dok F2, F3 u F4 huma it-testmenti l-oħra tal-istess decujus. Dok G u Dok H huma ir-riċerki testamentarji tiegħu;*

*5. Illi permezz ta' testment datat sebgħa (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tnejn (2002) (Dok F3) in atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi wara l-mewt ta' martu, id-decujus John Caruana ħalla b'titolu ta' prelegat u fi piena u assoluta proprjeta' lill-konvenut Salvinu Caruana l-istess għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti.*

*6. Illi id-disposizzjoni testamentarju surreferita tikkostitwixxi 'legato di cosa altrui' stante li l-oġġett suġġett tad-disposizzjoni ma jappertjenix b'mod intier lid-decujus. Tant huwa hekk, li in kontemplazzjoni ta' dan il-prelegat, hemm mistqarr fit-testment stess illi 'It-testatur jiddikjara li huwa jaf li jista' jkun li huwa mhux proprjetarju ta' l-intier ta' din l-għalqa peress li n-nofs indiviż tegħha jappartjeni lill-werrieta ta' martu mejta pero' jiddikjara li xorta waħda jrid li dan il-prelegat japplika għall-għalqa kollha';*

*7. Illi fl-istess legat id-decujus indika prezz ta' erba' mitt liri Maltin (illum €931.75) li kellu jitħallas lill-kull wieħed mill-kumplament tal-komproprjetarji, inklużi l-esponenti, in konsiderazzjoni ta' l-ishma indiviżi tagħhom fl-għalqa, b'hekk li t-total jammonta għall-elfejn u erba' mitt liri Maltin (illum €5,592);*

*8. Illi intant pero', l-esponenti ma humiex werrieta tal-missier (John Caruana) imma biss ta' l-omm (Antonia Caruana), allura ma jistgħux u ma għandhomx jiġu kostretti jbiegħu l-ishma tagħom kontra r-rieda tagħhom, multo magis bi prezz illi huma assolutament ma jaqblux miegħu u li qedin jopponu;*

*9. Illi id-decujus John Caruana miet fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Erbaghtax (2014) u l-konvenut Salvinu Caruana aċċetta l-prelegat lilu mħolli kif qabel spjegat u għamel l-Att Dikjaratorju Causa Mortis in atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi tat-tnejn u għoxrin ta' April tas-sena Elfejn u Erbatax (22/04/2014). F' din id-dikjarazzjoni huwa indika li dina l-għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti tħalliet fl-interita` tagħha bħala legat lilu. Kopja tad-dikjarazzjoni hija annessa u mmarkata bħala Dok I;*

*10. Ili fis-seba ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (07/10/2014), il-konvenut Salvinu Caruana kien għamel ċedola ta' depositu tal-prezz tal-bejgħ surreferit kontra l-esponenti iżda din ma tantx damet fis-seħħ għaliex sewwasew fl-erba' u għoxrin ta' Ottubru ta' l-istess sena (24/10/2014), il-konvenut ipproċeda biex irtira id-depositu li kien għamel wara biss sbatax il-jum. Kopji tad-dokumenti huma annessi u mmarkati bħala Dok J (ċedola ta' depositu) u Dok K (rikors biex jerġa jirtira d-depositu) u Dok L (digriet li ippermettilu jirtira d-depositu)' rispettivament;*

*11. Illi intant, permezz ta' att ta' immissjoni fil-pussess datat erbgħa ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Erbaghtax (04/12/2014) in atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, l-uniku eredi tad-decujus, cioe' il-konvenut George Caruana immetta lil ħuħ il-konvenut u legatarju Salvinu Caruana fil-pussess tal-prelegat imħolli lilu, ċioe' fil-pussess tal-intier tal-għalqa ġia deskritta. F'*

*dan il-kuntratt ta' immissjoni in pussess għall-eredi dehret, permezz ta' prokura, Charlene Caruana (ID 54386M) li tiġi bint l-istess legatarju konvenut. Kopja tal-kuntratt hija annessa u mmarkata bħala Dok M;*

*12. Illi permezz ta' dan l-att ta' immissjoni in pussess stess, il-konvenut Salvinu Caruana qiegħed taċitament jirrikonoxxi li l-esponenti atturi ma humiex eredi tad-decujus John Caruana;*

*13. Illi in vista tas-suespost, il-konvenut Salvinu Caruana qiegħed jokkupa ssehem mill-għalqa li huwa proprjeta' ta' l-esponenti bil-pjena sapjenza li dak is-sehem mhuwiex tiegħu u għalekk qed jokkupa in mala fede;*

*14. Illi dwar din il-kwistjoni, kien hemm korrispondenza ampja bejn il-partijiet u l-konsulenti legali tagħhom. Kopji annessi u mmarkati bħala 'Dok N1 sa N7 rispettivament;*

*15. Illi l-atturi mhumiex eredi ta' John Caruanna u għalhekk ma huma marbutin bl-ebda klawsola dedotta fit-testmenti tiegħu. Huma eredi biss ta' ommhom Antonia Caruana u bħala tali, mal-mewt tagħha kull waħda minnhom wirtet sehem minn erbatax (1/14) mill-għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti. Meta persuna tħalli legato di cosa altrui, l-eredi jkun obbligat jixtri dik il-ħaga mingħand it-terz (sidha) biex jgħaddiha lill-legatarju in saldu tal-legat. U jekk is-sidien ma jbiegħux, allura l-eredi ikun obbligat iħallas lill-legetarju il-prezz tagħha. It-terz la jista' jigi kostrett ibiegħ dik il-ħaga u wisq anqas jista' jiġi sfurzat ibiegħ bi prezz stabbilit minn qabel bit-testment.*

*16. Illi l-atturi la huma disposti jbiegħu sehemhom mill-għalqa lill-eredi jew lill-legatarju u lanqas qedin jaċċettaw il-valur indikat fit-testment.*

*17. Illi għalhekk, kemm id-dikjarazzjoni causa mortis, kif ukoll l-immissjoni fil-pussess huma qarrieqa stante li ma jurux il-verita` u huma illegali għaliex l-atturi qatt ma ittrasferew sehemhom mill-għalqa lill-ebda' mill-konvenuti;*

*18. Illi l-atturi ilhom jitolbu lill-konvenut Salvinu Caruana jgħaddilhom il-pussess ta' l-għalqa li hi proprjeta' tagħhom ukoll u dan kif jirriżulta mid-diversi dokumenti esebiti. Il-konvenut Salvinu Caruana baqa' inadempjenti u għalhekk ukoll kellha tiġi ntavolata l-azzjoni odjerna.*

*Għaldaqstant, l-esponenti unilment jitolbu li prevji d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara li kull waħda mill-atturi hi sid ta' sehem minn erbaghtax (1/14) tal-għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti u li dan is-sehem qatt ma seta jiġi trasferit lil ħadd jekk mhux bil-kunsens tagħhom permezz ta' att pubbliku;*

*2. Tħassar u tannulla id-dikjarazzjoni causa mortis magħmula mill-konvenut Salvinu Caruana u pubblikata fl-atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi tat-tnejn u għoxrin ta' April tas-sena Elfejn u Erbatax (22/04/2014) [Dok I] f'dak kollu li jirrigwarda l-ishma proprjeta' ta' l-atturi mill-għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti ;*

*3. Tħassar u tannulla l-att ta' immissjoni fil-pussess datat erbgħa ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Erbaghtax (04/12/2014) in atti tan-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi [Dok M] għal dak li jirrigwarda sehem l-atturi mill-*

*għalqa 'St. Joseph' fil-Girgenti, stante li dan huwa msejjes fuq pretenzjonijiet ġuridikament erronei;*

*4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom jgħaddu kopja taċ-ċavetta ta' l-imsemmija għalqa lill-esponenti biex b'hekk l-esponenti jiġu reintegrati fill-pussess tal-beni tagħhom.*

*Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittri bonarji. Il-konvenuti huma nġunti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuti tal-10 ta' Awwissu 2015**[2] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*1. ILLI t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u dana peress li ma sar l-ebda qerq biex ġew ippublikati l-kuntratti mertu ta' din l-azzjoni. L-esponenti George Caruana kien biss qed joqogħod għar-rieda tat-testatur. Dana peress illi permezz ta' testment in atti tan-Nutar Dr. Mariella Mizzi datat l-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u tnax (2012)*[3] *id-defunt Joseph Caruana ħalla bħala werriet univerali lill-esponenti George Caruana li konsegwentment kellu l-obbligu jersaq għall-publikazzjoni ta' l-atti mertu ta' din l-azzjoni.*

*2. ILLI ukoll ulterjorment, l-esponenti George Caruana ħallas il-prezz ta' l-oġġett formanti il-legato di cosa altrui kif pre-determinat mit-testatur;*

*3. ILLI l-esponenti Salvinu Caruana kien mit-testatur istitwit b' dana il-legat peress illi l-istess testatur, 'jiddikjara li huwa qed ihalli dan il-prelegat favur ibnu Salvu mhux sabiex jaghmel preferenzi bejn uliedu, imma ghaliex ihoss li meta matul hajtu ta' donazzjonijiet lil uliedu, lil Salvu Caruana ma tahx l-ekwivalenti li ta' lil hutu u ghalhekk jassumi li b' dan il-prelegat tkun saret gustizzja mieghu;*

*4. ILLI ukoll, peress illi permezz ta' testment unica charta in-atti tan-Nutar Dr. J. Felix Abela datat erbgħa u għoxrin ta' April elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (24/04/84)*[4] *id-defunti John u Antonia Caruana 'ħelsu lill-uliedhom mill-obbligu li jġibu lura fil-wirtijiet tat-testaturi dak li jkunu tawhom b' xejn it-testaturi tul ħajjithom. Dan il-ħelsien ma japplikax ghal dawk il-werrieta li minhabba li ma jkunux iridu joqoghdu ghar-rieda tat-testaturi kif tohrog minn dan it-testment jitilfu sehemhom u jiehdu biss il-legittima*[5]*. Għalhekk, bl-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti ulied id-defunti John u Antonia Caruana, peress li qed jippremettu*[6] *'la huma disposti jbiegħu sehmhom mill-għalqa lill-eredi jew lill-legatarju' qed ikomplu jikkonfermaw li ma jridux joqogħu għar-rieda tat-testatur;*

*5. ILLI bid-dikjarazzjoni premessa, ir-rikorrenti waqgħu fid-dispett tar-raba (4) artikolu tat-testment in-atti tan-Nutar Dr. J. Felix Abela datat erbgħa u għoxrin ta' April elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (24/04/84) fejn l-istess*

[2] Fol 79 et seq
[3] Esebit mar-rikors promotur
[4] Esebit mar-rikors promot
[5] Artikolu 4 tat-testment preċitat
[6] Premessa numerata 16

*rikorrenti inħelsu mill-obbligu li jġibu lura fil-wirtijiet tat-testaturi dak li jkunu tawhom b' xejn it-testaturi tul ħajjithom fl-eventwalita li joqoghdu ghar-rieda tat-testaturi kif tohrog minn dan it-testment;*

*6. ILLI għalhekk l-azzjoni kif esperita hija konferma li l-oġġett formanti il-legat mertu ta' din l-azzjoni ossija sehem ir-rikorrenti mill-għalqa fil-Girgenti mħollija lill-esponenti Salvino Caruana b' legat, għadda għand lura il-werriet l-esponenti George Caruana, flimkien ma kull oġġett ieħor riċevut mir-rikorrenti mingħand id-defunti ġenituri tagħhom in linea ta' donazzjoni skond ix-xewqat tat-testaturi. Kwindi, l-esponenti George Caruana seta jgħaddih liberament kif għamle in effetti lill-esponenti legatarju Salvinu Caruana. Għalhekk kull talba għall-annullament ta' l-atti ma tistax tiġi akkolta;*

*7. ILLI in pessima ipotesi, it-talba tar-rikorrenti tista treġi biss fil-konfront ta' sehem ir-rikorrenti jekk ikun il-każ;*

*8. ILLI finalment talba sabiex jiġu kkonsenjati kopja taċ-ċwievet ma tistax tiġi akkolta mingħajr prova konlussiva illi r-rikorrenti huma sidien ta' xi parti mill-għalqa mertu ta' din l-azzjoni.*

*B'riserva għal kull azzjoni spettanti lill-esponenti sabiex jitolbu lir-rikorrenti jikkonferixxu lura fil-massa ereditarja dak kollu, mobbli u immobbli li rċevew mingħand it-testaturi b' titolu ta' donazzjoni in linea ma dak speċifikat f' artikolu 4 tat-testment in atti tan-Nutar Dr. J. Felix Abela datat erbgħa u għoxrin ta' April elf disgħa mija u erbgħa u tmenin (24/04/84) sabiex konsegwent l-eredita tiġi regolata skond ir-rieda tat-testaturi.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza. Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawża odjerna l-partijiet huma kollha aħwa, ulied Antonia u John konjuġi Caruana. L-atturi huma biss eredi ta' ommhom iżda mhux ta' missierhom. Il-litiġju fil-proċeduri huwa dwar għalqa li tinsab fit-telgħa tal-Girgenti, limiti tas-Siġġiewi u li kienet tappartjeni liż-żewg ġenituri. L-atturi jgħidu li in segwitu għal mewt t'ommhom, b'testment ieħor missierhom innomina bħala werriet universali tiegħu lil wieħed biss minn uliedu, George Caruana kif ukoll ħalla din l-għalqa fl-intierita' tagħha u bħala prelegat lill-ibnu ieħor Salvinu Caruana. L-atturi jkomplu jgħidu li dan ikkostitwixxa legato di cosa altrui. Għalkemm fil-legat il-missier kien stabilixxa l-prezz li kellu jitħallas lil kull wieħed mill-bqija tal-komproprjetarji, inkluż għalhekk l-atturi, dawn tal-aħħar isostnu li la ma humhiex werrieta ta' missierhom m'għandhomx jiġu kostretti jbiegħu sehemhom kontra r-rieda tagħhom. Dan aktar u aktar bi prezz li huma ma jaqblux miegħu. Huma qed jitolbu lill-Qorti biex mhux biss tiddikjara li ssehem tal-atturi ma setax jiġi trasferit lil terzi jekk mhux bil-kunsens tagħhom, iżda anke sabiex tannulla d-dikjarazzjoni causa mortis li kienet saret minn Salvinu Caruana u l-att ta' immissjoni fil-pussess li saret minn George Caruana favur huh Salvinu. Huma jitolbu wkoll li jinghataw lura ċ-ċavetta tal-għalqa peress li f'dan l-istadju huma m'għandhomx pussess tal-

parti li tappartjeni lilhom. Minn naħa tagħhom il-konvenuti ċaħdu l-pretensjonijiet tal-atturi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huma jgħidu li l-konvenut George Caruana ħallas il-prezz tal-oġġett li kien jikkostitwixxi legato di cosa altrui skont kif stabbilit mit-testatur. Bl-azzjoni tagħhom l-atturi qegħdin anke juru disrispett anke lejn it-testment kif magħmul mill-ġenituri tagħhom fl-1984. Huma jsostnu li l-azzjoni kif saret mill-atturi hija biss konferma li l-għalqa in kwistjoni għaddiet lura għand il-werriet George Caruana u b'hekk huwa kien liberu li jgħaddiha lil ħuħ Salvinu bħala legatarju. Fl-agħar ipoteżi, jekk ikun il-każ it-talba tal-atturi hija akkoljibbli biss fir-rigward ta' sehemhom. Jgħidu wkoll li fin-nuqqas ta' prova ċerta li parti mill-għalqa tappartjeni lilhom, ma hemm ebda lok li kopja taċ-ċwievet tingħata lill-atturi.

Mill-atti jirriżulta li –

i. Permezz ta' **testment datat 24 t'April 1984**, John u Antonia konjuġi Caruana ħallew lil xulxin b'legat fi proprjeta' assoluta kull vettura bil-mutur li jkollhom dakinhar li jiġi nieqes l-ewwel wieħed fosthom (artikolu 1); ħallew ukoll b'legat lil xulxin tul il-ħajja ta' dak li jibqa' ħaj l-aħħar fosthom, l-użufrutt tal-ġid kollu l-iehor ikun xi jkun li jkollhom meta jigi nieqes l-ewwel wieħed. Huma taw ukoll is-setgħa lil xulxin li dak li jibqa' ħaj l-aħħar fosthom ikun jista' fuq sehemu jibdel id-dispożizzjonijiet testamentarji jew iżidu magħhom mingħajr ma jitilfu benefiċċju minn dak li t-testaturi hallew lil xulxin fit-testment (artikolu 2); meta jiġi nieqes l-ewwel wieħed minnhom is-superstiti jkun jista' jdawwar fuq ismu, jiġbed jew jirtira nofs il-flus kollha li jkun hemm depożitati f'banek u dan mingħajr ebda ħtieġa ta' kunsens tal-werrieta (artikolu 3); ittestaturi ħelsu lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni u cioe' l-obbligu li jġibu lura fil-wirt dak li jkunu tawhom b'xejn it-testaturi matul ħajjithom (artikolu 4); it-testaturi innominaw bhala eredi universali taghhom lil uliedhom kollha. Inoltre jekk xi ħadd mill-werrieta jonqos li jimmitti fil-pussess lit-testatur li jibqa' l-aħħar haj fil-legati mħollija lilu kif imsemmi fit-testment, jew joħloq xi nkwiet dwar il-qsim tal-wirt u jdaħħal lil werrieta l-Qorti, dan il-werriet jitlef kull dritt mit-testment u jieħu biss il-leġittima (artikolu 5)[7];

ii. **Antonia Caruana mietet fit-18 ta' Lulju 1984**[8];

iii. Permezz ta' **testment tal-1 ta' Novembru 1988**, John Caruana zied xi dispozizzjonijiet mat-testment unica charta tal-1984, liema dispozizzjonijiet mhumhiex rilevanti għall-fini tal-każ odjern[9];

iv. Permezz ta' **testment datat 7 ta' Marzu 2002** huwa rrefera għat-testment unica charta tal-1984 u fost ohrajn bis-sahha tat-tieni artikolu 2 ordna li jiżdiedu diversi dispożizzjonijiet mat-testment imsemmi tal-1984 (artikolu 1)[10]; huwa ħalla b'titolu ta' prelegat lil bintu Lilian Farrugia is-somma ta' Lm1,000. Huwa ddikjara li kien qed jagħmel dak il-prelegat mhux biex jagħmel preferenzi bejn uliedu imma ghax iħoss li meta matul ħajtu ta donazzjonijiet lil uliedu, lil Lilian Farrugia ma kienx taha l-ekwivalenti li ta lil ħutha u għalhekk assuma li b'din is-somma tkun saret ġustizzja magħha (artikolu 2); it-testatur ħalla b'titolu ta' prelegat u fi piena proprjeta' lil ibnu

[7] Fol 13 et seq
[8] Certifikat tal-mewt a fol 8
[9] Fol 29 et seq
[10] Fol 26 et seq

Salvu Caruana l-għalqa mertu tal-kawża odjerna. Huwa obbliga lil ibnu li, jekk jaċċetta l-prelegat, iħallas lil ħutu l-oħra is-somma ta' Lm400 (Eur 931.75) kull wieħed għas-somma totali ta' Lm2,400 (Eur 5590.50). It-testatur iddikjara li huwa kien konsapevoli li seta' jkun li ma kienx proprjetarju ta' l-intier ta' din l-għalqa peress li n-nofs indiviz tagħha kien jappartjeni lill-werrieta ta' martu mejta, pero' xorta waħda jrid li dan il-prelegat japplika għall-għalqa kollha. Huwa ddikjara wkoll li l-ħlasijiet imsemmija kienu qed jigu mposti sabiex uliedu jkunu kollha sodisfatti li rċevew kumpens ġust ta' kull sehem u nteress li altrimenti kien ikollhom minn din l-għalqa. It-testatur provda wkoll għall-eventwalita' li wara mewtu ibnu Salvu Caruana jiddeċiedi li ma jaċċettax il-prelegat. Iddikjara wkoll li kien qed iħalli l-prelegat imsemmi mhux biex jagħmel xi preferenza ma' dan ibnu imma għax ħass li matul ħajtu ta donazzjonijiet oħra lil uliedu u lil Salvu ma taħx l-ekwivalenti li ta lil ħutu u għalhekk assuma li b'dan il-prelegat tkun saret ġustizzja miegħu (tielet artikolu)[11];

v. Permezz ta' **testment datat 13 ta' Novembru 2007** John Caruana rrefera għat-testment unica charta li kien għamel ma' martu fl-1984 kif ukoll għal dak tal-2002 u kkonfermahom salv għal dak li ġie dispost fit-testment ta' dakinhar fejn ħassar it-tieni artikolu tat-testment tal-2002[12];

vi. Permezz ta' **testment datat 1 ta' Marzu 2012** missier il-partijiet irrefera għat-testment tal-1984, tal-2002 u tal-2007 u kkonfermahom kif pero' emendati bit-testment ta' dakinhar (2012). Huwa annulla l-artikolu 5 tat-testment tal-1984 u ħatar minflok bħala werriet universali tiegħu tal-ġid kollu tiegħu lil ibnu George Caruana, residenti l-Awstralja u ddikjara li lil uliedu l-oħrajn matul ħajtu tahom b'titolu gratuwitu ħafna aktar milli kien imisshom li kieku kellhom jieħdu l-porzjoni riżervata għalihom bil-liġi, mentri lil George Caruana tah hafna inqas mill-oħrajn. It-testatur zied jgħid li anzi huwa kien qed jagħmel din id-dispożizzjoni favur George Caruana sabiex ikun tratta lil uliedu bl-aktar mod ġust u ekwu possibbli. Huwa ordna wkoll li wara mewtu ħadd minn uliedu l-oħra ma jkun jista' jivvanta xi talba mingħand George Caruana fir-rigward tal-assi ereditarji tiegħu[13];

vii. **Missier il-partijiet John Caruana miet fit-18 ta' Jannar 2014**[14];

viii. Permezz ta' **ittra datata 2 t'April 2014**, in-Nutar Mariella Mizzi, f'isem Salvinu Caruana infurmat lil bqija ta' ħutu li mir-riċerki testamentarji uffiċjali ta' missierhom irriżulta li huwa ħalla, in parti bħala *legato di cosa altrui* l-intier tal-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni, lill-istess Salvinu. Dan bl-obbligu li jekk jaċċetta din l-għalqa, huwa kellu jħallas lil kull wieħed minnhom is-somma ta' Lm400 (Eur931.75). Bis-saħħa tal-istess ittra Caruana nfurmahom formalment li huwa kien qed jaċċetta l-għalqa mħollija lilu u fl-istess waqt, in linea ma' dak ordnat minn missieru kien qed jgħaddilhom is-somma ta' Eur931.75 kull wieħed permezz ta' ċekkijiet[15];

ix. Permezz ta' **dikjarazzjoni *causa mortis*** datata 22 t'April 2014 il-konvenut Salvinu Caruana iddikjara li l-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni

[11] Fol 26 et seq
[12] Fol 23 et seq
[13] Fol 20 et seq
[14] Certifikat tal-mewt a fol 7
[15] Fol 57

għaddiet fuqu wara l-mewt ta' missieru[16];

x. Permezz ta' **ittra datata 7 ta' Mejju 2014** il-konsulent legali tal-erba' aħwa bniet Marthese Cachia, Josephine Ciappara, Carmen Spiteri u Lilian Farrugia rrisponda għall-ittra ta' Salvinu Caruana tat-2 t'April 2014 u ddikjara li l-klijenti msemmija kienu sidien ta' parti minn erbatax tal-għalqa in kwistjoni u li ma kienx bi ħsiebhom jitrasferixxu sehemhom minn din l-għalqa u għalhekk irrifjutaw il-ħlas mibgħut lilhom tant li rritornaw iċ-ċekkijiet lill-istess Salvinu Caruana[17];

xi. Permezz ta' ittra datata **9 ta' Gunju 2014** il-konsulent legali ta' Salvinu Caruana rrisponda li klawsoli bħal ma ghamel missierhom fit-testment kienu validi għax marbuta ma' proprjeta' derivanti minn wirt familjari u għalhekk talab lill-aħwa bniet jonoraw ix-xewqat tal-ġenituri tagħhom[18];

xii. Għal din l-aħħar ittra reggħu wieġbu l-aħwa atturi fil-kawża fis-**17 ta' Gunju 2014** fejn żammew ferm il-pożizzjoni tagħhom[19];

xiii. Permezz ta' **ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 2014** Salvinu Caruana nterpella lill-ħutu l-bniet biex jersqu għall-att ta' immissjoni fil-pussess tal-prelegat tal-għalqa mħolli lilu minn missierhom[20];

xiv. Permezz ta' **ittra ufficjali responsiva datata 2 t'Ottubru 2014** l-aħwa bniet irribattew fost oħrajn li in kwantu nofs l-għalqa ma kinitx tappartjeni lil missierhom, izda lil ommhom, huma bħala werrieta tagħha ma setgħux jiġu marbuta jbiegħu is-sehem tal-proprjeta' li wirtu mingħandha u wisq inqas jista' jiġi mpost prezz fuqhom[21];

xv. Fis-**7 t'Ottubru 2014** Salvinu Caruana kien preżenta **ċedola ta' depozitu** fil-Qorti fejn iddikjara li l-erba' ħutu bniet, llum kollha atturi fil-kawża, kienu qed jirrifjutaw li jersqu għall-att biex jimmettuh fil-pussess tal-prelegat tal-għalqa in kwistjoni mingħajr raġuni valida fil-liġi u huma lanqas m'aċċettaw il-pagament imħolli lilhom tant li rritornawlu ċ-ċekkijiet relattivi. Peress li minkejja li kienu debitament notifikati bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 2014 huma baqgħu inadempjenti, huwa qal li kien kostrett jgħaddi għad-depożitu fil-Qorti. Huwa għalhekk iddepożita s-somma ta' Eur 931.75 għal kull waħda mill-erba' ħutu imsemmija[22];

xvi. Permezz ta' **rikors datat 24 t'Ottubru 2014** l-istess Salvinu Caruana b'referenza ghaċ-ċedola ta' depożitu appena ċitata ddikjara li minħabba żviluppi li kienu rriżultaw fil-frattemp, huwa xtaq jirregola ruħu u għalhekk talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jirtira s-somma depożitata fl-intier tagħha[23], liema talba ġiet milqugħa b'digriet tal-**24 ta' Novembru 2014**;[24]

xvii. Permezz ta' att datat **4 ta' Dicembru 2014** il-konvenut odjern George Caruana immetta fil-pussess tal-għalqa prelegata lil ħuh il-konvenut Salvinu

[16] Fol 39 et seq
[17] Fol 58
[18] Fol 60
[19] Fol 61
[20] Fol 62
[21] Fol 64
[22] Fol 44 et seq
[23] Fol 46
[24] Fol 50

Caruana li aċċetta l-pussess intier tagħha[25];

xviii. Fid-**29 t'April 2015**, l-atturi ntavolaw il-kawża odjerna;

xix. **Xehdu l-atturi Carmen Spiteri, Josephine Ciappara u Maria Teresa sive Marthese Galea** permezz ta' affidavit[26] li fih ikkonfermaw bil-ġurament il-kontenut kollu tar-rikors guramentat maħluf mill-attrici l-oħra Emanuela sive Lilian Farrugia;

Fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti Carmen Spiteri u Emanuela Farrugia[27] huma qalu li ma kinux beħsiebhom jottempraw ruħhom ma' dak li ddispona missierhom fit-testment dwar l-għalqa mertu ta' dawn il-proċeduri għax huma mhumhiex eredi tiegħu u fuq kollox la ommhom kienet ħallietilhom sehem minnha huma riedu jżommu dak is-sehem u mhux ibiegħuh.

xx. **Xehed il-konvenut Salvinu Caruana** permezz ta' affidavit[28] li spjega li huma seba' aħwa u li bejnu u bejn tnejn minn ħutu George u Philip ma hemmx problemi u qablu ma' dak li ħalla missierhom fit-testment u cioe' li hu jieħu l-għalqa u jħallas l-ammont indikat minn missierhom. Il-konvenut sostna li ħutu kollha kienu jafu li missierhom ried li l-għalqa jeħodha Salvinu għax kuntrarjament għal ħutu hu ma kien ħa xejn minn dak li kellu missieru. Missieru ma kienx tahielu matul ħajtu sempliċiment biex ikollu xi ħaga f'ismu. Il-problemi nqalgħu biss mal-erba' ħutu bniet u cioe' l-atturi fil-kawża.

Il-konvenut kompla jgħid li missieru kien raġel ġust u safejn seta' ried iħalli wirt lill-aħwa kollha ndaqs. Dan beda jagħmlu tul ħajtu billi lil xi uħud minn ħutu tahom proprjetajiet mobbli u mmobbli filwaqt li lilu u lil ħuh l-ieħor George ħallielhom bit-testment. Huwa ndika li missierhom –

a. **Ta b'donazzjoni lill-attriċi Marthese Cachi**a sehemu ta' 5/16 f'fond Tas-Sliema permezz ta' kuntratt tal-5 t'Ottubru 1994[29]. Meta kien sar il-kuntratt il-konvenut kien deher u trasferixxa sehemu li kien wiret mingħand ommu lil oħtu kif ried missieru. Meta kien sar dan il-konvenut ma kien ħa xejn;

b. **Ta b'donazzjoni lill-attrici Josephine Ciappara** sehemu ta' 7/14 tal-garaxx bin-numru 338 bl-arja tieghu f'Main Street, Żebbuġ. Anke f'dan il-kuntratt il- kien deher u trasferixxa sehemu li kien wiret mingħand ommu lil oħtu kif ried missieru. Meta kien sar dan il-konvenut ma kien ħa xejn;

c. **Trasferixxa lill-istess Josephine Caruana** d-dar fejn kien joqgħod hu stess ġewwa Triq il-Kbira Żebbuġ, u għalkemm dan kien jidher bejgħ, dan ma kien bejgħ xejn għax il-konvenut jikkalkula li din id-dar illum tiswa xi Lm400,000. Għal din il-proprjeta' oħtu ħallset Lm10,000 biss[30];

d. **Ta b'donazzjoni lill-attrici l-ohra Emanuela sive Lilian Farrugia** l-ammont ta' Lm4,000 (Eur 9,317.50) u vettura tat-tip singer – vettura klassika u arma antika. Qal ukoll li missierhom kien taha aktar flus imma ma kienx jaf

[25] Fol 51 et seq
[26] Fol 87 et seq
[27] Xhieda ta' Carmen Spiteri a fol 133 et seq; xhieda ta' Emanuela Farrugia a fol 137 et seq
[28] Fol 94 et seq
[29] Fol 96 et seq konvenut
[30] Fol 103

l-ammont;

e. **Trasferixxa b'bejgħ lill-attriċi Carmen Spiteri** biċċa art f'Ħaż-Żebbuġ fejn din bniet id-dar tagħha. Fuq il-kuntratt[31] il-prezz kien jidher Lm1,300 (Eur3028) imma dawn il-flus m'għaddewx u Carmen ma ħallset xejn;

f. Ftit qabel miet bagħat ċekk lill-attrici **Emanuela sive Lilian Farrugia** fl-ammont ta' Eur7,000 u din kienet bgħatithomlu lura[32]. Il-konvenut Salvinu Caruana kompla jgħid li meta missieru kiber mar jgħix m'oħtu Carmen iżda meta kienet tagħtu puplesija din ma żammitux u minflok mar m'oħtu Josephine. Iżda maż-żmien hija wkoll ma żammitux aktar u Salvinu ħadu jgħix għandu fejn dam kwazi sentejn. Minħabba li l-istat ta' saħħet missieru beda jiddeterjora il-konvenut tħabat u fl-aħħar daħħlu San Vincenz de Paul u skont hu, Liliam, Carmen u Josephine qatt ma marru jarawh.

Il-konvenut żied jghid li fl-aħħar ta' ħajtu ħutu l-bniet kienu ġġieldu ma' missierhom għaliex pretendew li hu jbiegħ l-għalqa mertu ta' dawn il-proċeduri biex jinqasmu l-flus. Il-missier irrifjuta għax kien jgħidilhom li din kienet l-unika proprjeta' li kien fadallu u wara li kien ta l-proprjeta' l-oħra li kellu lilhom din kien ser iħalliha lil Salvinu peress li ma kien ħa xejn u kien qed idur bih, kif spjegat fit-testment.

Il-konvenut jixhed ukoll li ħutu l-bniet kienu ġghelu lil missierhom jiffirma karta fejn kien ta l-kunsens tiegħu ghall-bejgħ tal-għalqa[33] iżda meta skopra x'kienet tfisser il-karta kien mar għand Nutar u ħassarha[34]. Ħutu l-bniet kienu anke għamlu reklami fil-gazzetti għall-bejgħ ta' din ir-raba'[35] u waħħlu tabelli max-xatba tal-għalqa u missieru kien kiteb permezz ta' avukat lill-editur biex dawn ir-reklami ma jibqgħux jidhru[36].

Wara l-mewt ta' missieru l-konvenut kien mar għand Nutar u sar l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-għalqa mill-werriet ta' missieru skont l-aħħar testment. Huwa kien ukoll bagħat il-flus lil ħutu skont kif ordna missieru liema flus gew aċċettati biss minn ħutu George u Philip iżda ġew rifjutati mill-bniet ħutu.

**In kontro-ezami**[37] dan il-konvenut ikkonferma li ħuh Philip il-post kien xtraħ mingħand missieru u wara dan il-bejgħ huwa kien ingħata Lm4000 (Eur9317.50). Mistoqsi dwar id-dirett dominju tal-post li ngħata lil oħtu Marthese il-konvenut qal li dan sar bi qbil bejn kulħadd għax hekk ried missierhom u hi tirċievi ċ-ċens fuqu. Il-plot ta' Ħaż-Żebbuġ li ngħata lil oħtu Carmen b'kuntratt ta' bejgħ. Mistoqsi in **ri-ezami** x'kien jgħidlu missieru dwar l-għalqa l-konvenut wieġeb li missieru kien jgħidlu li f'dak l-istadju kellu jieħu min kellu aktar bżonn u mbagħad kienu jirranġaw l-affarijiet wara. Qal ukoll li meta lil missieru kien talbu l-art ta' Carmen kien qallu li għalissa jieħu min għandu bżonn u li hu kellu fejn joqgħod.

[31] Fol 104 et seq
[32] Fol 117
[33] Nota tas-16 ta' Frar 2011
[34] Fol 120
[35] Fol 121 et seq
[36] Fol 123
[37] Fol 161 et seq

xxi. **Xehed il-konvenut George Caruana bl-affidavit**[38] u qal li wara l-mewt t'ommhom missierhom għamel li seta' biex jgħin lil uliedu mill-flus u kapital li kellhom. Missierhom kien jinsisti li jrid jitrattahom kollha ndaqs u ma ried jippreferi lil ħadd minnhom, u f'dak li qassam lil uliedu l-intendiment tiegħu kien dan. Sa fejn jaf il-konvenut, matul ħajtu missieru qassam dawn l-affarijiet lil uliedu –

a. Lil Philip kien tah karozza tal-linja u dar. Minn naħa tiegħu Philip kellu jħallas Lm4000 (Eur 9317.50) lil George u lil ħutu l-oħra;

b. Lil Carmen taha plot f'żona ġdida f'Ħaż-Żebbuġ;

c. Lil Josephine taha garaxx kbir u l-opportunita' li tixtri d-dar tal-familja f'Ħaż-Żebbuġ bi prezz ferm orħos mill-valur proprju tagħha;

d. Lil Marthese taha dar f'Tas-Sliema. Il-konvenut ikkonferma wkoll li sentejn jew tlett snin qabel miet huwa kien qal li xtaq iħalli l-għalqa mertu tal-proċeduri tal-lum lil Salvinu u dan minn naħa tiegħu iħallas Lm400 (Eur931.75) kull wieħed lill-bqija tal-aħwa. Il-konvenut George u ħuh Philip aċċettaw dan l-ammont għax din kienet ix-xewqa ta' missierhom u huma kienu lesti li jaċċettawha. Wara kollox, jgħid il-konvenut, Salvinu ma kien irċieva xejn mill-proprjeta' li kellu missieru matul ħajtu. Sfortunatament, ikompli l-konvenut, ħuthom il-bniet ma qablux ma' dan. Huwa komppla jgħid li kienet ħasra li fil-perjodu li missierhom kien qiegħed iqassam ġidu bejn uliedu ma qabadx u ta l-għalqa lil Salvinu. Sal-mewt tiegħu missierhom baqa' jmur f'din l-għalqa u Salvinu spiss kien jakkumpanjah. Il-konvenut jagħlaq ix-xhieda tiegħu billi jgħid li fil-fehma tiegħu ix-xewqat ta' missierhom kif provduti fit-testment għandhom jiġu rispettati.

xxii. **Xehed Philip Caruana bl-affidavit**[39] li qal li wara l-mewt t'ommhom missieru għamel minn kollox biex jagħtihom ħajja aħjar. Bħala assi missierhom kellu biċċa art tal-Gandlora, Ħaż-Żebbuġ, garaxx fi Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ, garaxx bil-post fuqu fi Triq L. Mifsud Tommasi Ħaż-Żebbuġ, l-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni, nofs dar f'Tas-Sliema u karozza tal-linja. L-ewwel ma kellha bżonn l-għajnuna kienet oħthom Carmen għax waslet biex tiżżewweġ u missierhom kien taha l-art f'Tal-Gandlora biex tibni dar. Ix-xhud jgħid ukoll li meta huwa kien wasal biex iġib il-liċenzja tal-karozza tal-linja u missieri kien wasal għall-pensjoni, huwa tah il-karozza tal-linja. Il-garaxx ta' Triq il-Kbira kien tah lil Josephine. Minħabba li kien ta dawn l-affarijiet missierhom, jgħid ix-xhud, kien offra lilu jekk iridx jixtri l-garaxx bil-post fuqu ħalli jkun jista' jagħti l-flus lil min kien għadu ma ħa xejn. Philip kien xtara din il-proprjeta' iżda missieru żamm l-użufrutt tal-proprjeta' sal-mewt. Il-flus tal-bejgħ marru għand Marthese, George, Salvinu u Lilian. Minbarra l-flus, Marthese ħadet ukoll proprjeta' f'Tas-Sliema. Missieru kien fadallu biss l-għalqa u x-xewqa tiegħu kienet li wara li jgawdiha sal-aħħar din jagħtiha lil Salvinu u għalhekk kiteb li meta l-għalqa tgħaddi għandu hu kellu jħallas lil ħutu l-oħra.

Meta marad missieru huwa ma kienx f'qagħda li jieħu ħsieb tiegħu innifsu u għal xi żmien mar għand bintu Carmen iżda dan l-arrangament ma ħadimx u mar joqgħod għand Josephine.

[38] Fol 150 et seq
[39] Fol 146 et seq

Żid li wara xi żmien l-aħwa bniet ingħaqdu kontra missierhom u Salvinu dwar l-għalqa u beda anke ġlied minħabba f'hekk.

Ix-xhud qal li huwa jaqbel mad-deċizjonijiet li ħa missieru għax fil-fehma tiegħu ħadd m'għandu dritt jindaħal lil xi ħadd x'jagħmel bi ħwejġu u dak li jkun ħadem ghaliħ tul ħajtu.

xxiii. **Xehdet in-Nutar Mariella Mizzi** li tagħha kien klijent missier il-partijiet John Caruana. Dwar id-dispożizzjoni testamentarja li tirrigwarda l-għalqa hu nsista li xtaq jagħmilha minħabba li qal li lill-oħrajn kien diġa' tahom biżżejjed u lanqas ma kien il-każ li jfittxu għal-leġittima. Kien semmielha li lil uliedu loħra kien tahom xi proprjetajiet matul ħajtu. Xehdet ukoll dwar id-dikjarazzjoni causa mortis u l-immissjoni tal-pussess tal-għalqa a favur Salvinu Caruana. Qalet li l-flus li Salvinu kellu jagħti lill-ħutu kien bgħathomlhom iżda uħud minnhom irrifjutawhom. In kontro-ezami kkonfermat li l-aħwa bniet la kienu werrieta u lanqas legatarji ta' missierhom. Qalet ukoll li taħseb li din l-għalqa kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Meħud il-kwadru riżultanti mill-provi l-Qorti tqis li l-għalqa mertu tal-proċeduri odjerni ġewwa l-Girgenti, limiti tas-Siġġiewi kienet formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi John u Antonia Caruana, fatt dan li huwa paċifiku bejn il-partijiet.

Kif kompla rriżulta, fit-testment unica charta li kien sar bejn il-ġenituri tal-partijiet fl-1984 huma istitwew bħala eredi universali lis-seba' uliedhom. Imbagħad matul is-snin u wara l-mewt ta' martu, bis-saħħa tal-poter li taw lil xulxin il-konjuġi Caruana fit-testment tal-1984 li s-superstiti fosthom biex ikun jista' jibdel fuq sehemu id-dispożizzjonijiet ta' dak it-testment, il-missier għamel diversi kambjamenti. Notevolment fosthom għal fini tal-kawża tal-lum huma dawk permezz tat-testment tal-2002 permezz ta' liema ħalla lill-konvenut Salvinu Caruana bi prelegat l-għalqa sħiħa tal-Girgenti nonostante l-konsapevolezza li nofsha kienet tappartjeni lill-werrieta ta' martu, kif ukoll permezz tat-testment tal-2012 permezz ta' liema ħatar biss lil wieħed minn uliedu, l-konvenut George Caruana bħala l-eredi universali tiegħu.

Isegwi minn dan li llum il-ġurnata, la nofs indiviż tal-għalqa kien jappartjeni lill-werrieta kollha u ċioe' lis-seba' ulied, kull waħda mill-atturi tippossjedi sehem wieħed minn erbatax tal-istess għalqa. Fuq dan m'hemmx konstestazzjoni.

Hemm qbil ukoll li fiċ-ċirkustanzi, d-dispożizzjoni testamentarja kif magħmula fl-artikolu 2 tat-testment tal-2002 tikkostitwixxi *legato di cosa altrui*, fatt li huwa anke rikonoxxut mit-testatur stess John Caruana f'dak l-istess testment.

Id-diżgwid bejn il-partijiet li wassal għall-proċeduri tal-lum huwa pero' dwar l-applikazzjoni tal-istitut tal-*legato di cosa altrui* **għall-fattispecje tal-każ odjern**.

Il-provvedimenti tal-liġi rilevanti jinsabu fl-artikolu **696 et seq tal-Kodiċi Ċivili,** Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta –

*"696. (1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lill-legatarju l-valur ġust tagħha.*

*(2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.*

*697. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna.*

*698. Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha."*

In linea ta' ġurisprudenza in materja il-prinċipji ġenerali jgħidu hekk –

**Maria Galea vs Angelo Mizzi et deciz fil-15 ta' Mejju 2015**[40]-

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **Polly Demanuele et vs Victor Grech et** saret referenza ghas-segwenti:*

*"Fil-kawza fl-ismijiet "**Paolo Zammit vs Rosa Zammit**" (28 ta Gunju 1957) ilQorti tal-Appell Civili elenkat il-principji dottrinali li huma l-bazi tal-artikolu in kwestjoni. F'din is-sentenza ntqal li "skont il-ligi taghna, hija kondizzjoni essenzjali ghall-validita' tal-legat ta' haga ta' haddiehor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-haga lil haddiehor.*

*"Mhux rikjesta ebda klawsola jew formola specjali u hu wkoll indifferenti jekk it-testatur jiehu zball fl-identita' tal-proprjetarju; pero' huwa mehtieg li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni."*

*Inoltre l-Qorti tal-Appell Civili, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta' Carmelo Borg**" tad-9 ta' Marzu 1994, irriteniet li in vista tal-artikolu 698, il-legat ta' haga ta' haddiehor ma jiswiex hlief jekk ikun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. Il-Qorti rreteniet ukoll illi meta l-oggett tal-legat kien biss in parti proprjeta' ta' terzi, bhalma huwa l-kaz odjern, il-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta' tat-testatur". Fil-kaz odjern it-testatrici ddikjarat b'mod car li kienet taf li l-legat li halliet in parti kien jappartjeni lill-assi tal-mejjet zewgha. Ghalhekk bhala legat ta' haga ta' haddiehor jiswa'."*

Applikat ghal kaz tal-lum il-Qorti tikkonferma li fit-testment tas-7 ta' Marzu 2002 it-testatur John Caruana ghamel id-debita dikjarazzjoni fir-rigward tal-ghalqa tal-Girgenti li huwa halla b'legat lil Salvu Caruana meta qal hekk fit-tielet artikolu –

[40] Cit Nru 135/99

*"It-testatur jiddikjara li huwa jaf li jista' jkun li huwa mhux proprjetarju ta' l-intier ta' din l-ghalqa peress li n-nofs indiviz taghha jappartjeni lill-werrieta ta' martu mejta, pero' jiddikjara li xorta wahda jrid li dan il-prelegat japplika ghall-ghalqa kollha."*

**Għaldaqstant il-legat tal-ħaga ta' ħaddiehor fil-każ tal-lum huwa wieħed validu.**

Stabbilit dan, l-artikolu 696 (1) imsemmi jpoġġi fuq l-eredi obbligazzjonijiet jekk kemm-il darba huma jiddeċiedu li jakkwistaw il-legat imħolli lill-legatarju u ċioe' li jew jakkwistaw l-oġġett mingħand it-terz jew li jħallsu l-valur tal-oġġett lill-legatarju. **L-għażla mela qegħda f'idejn il-werrieta.**

L-uniku eredi ta' John Caruana irriżulta li huwa biss George Caruana u dan skont it-testment tal-1 ta' Marzu 2012. Huwa għalhekk kellu d-dritt jagħżel waħda miż-żewġ għażliet msemmija li offrietlu l-liġi. Evidentement huwa għażel li jakkwista l-oġġett, f'dan il-każ l-għalqa, mingħand it-terz u cioe' ħutu l-bniet peress li huma kienu biss werrieta t'ommhom iżda mhux ta' missierhom kif ingħad. Infatti George Caruana formalment immitta lil ħuh Salvu fil-pussess tal-għalqa, anke jekk din kienet diġa' fiżikament fil-pussess tiegħu u ntbagħat il-ħlas tas-somma ndikata minn missierhom lill-atturi.

Kif intwera pero' tali ħlas ġie rifjutat mill-atturi għax il-pern tat-teżi tagħhom jiskatta mill-premessa li bħala l-"*altrui*", huma m'humhiex marbutin bit-testment ta' missierhom u għalhekk missierhom ma setax bid-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni jisfurzahom iċedu sehem ommhom mill-wirt a favur il-legatarju; dan peress huma riedu jżommu dak is-sehem għalihom u mhux jgħadduh lil ħuhom. Għalhekk huma jgħidu li f'tali eventwalita' l-eredi George Caruana għandu jirrikorri għall-għazla l-oħra konċessa lilu mill-liġi u ċioe' li jħallas lill-legatarju ħuhom il-valur tas-sehem indiviż tal-għalqa li tappartjeni lilhom.

**Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi.**

Fl-ewwel lok irid dejjem jiġi sottolineat il-prinċipju bażilari li sa fejn hu legalment possibbli r-rieda tat-testatur għandha tiġi rispettata.

**Dan il-prinċipju huwa partikolarment applikabbli f'kuntest ta' <u>wirt familjari</u> bħal ma hu l-każ odjern fejn id-dispożizzjoni testamentarja li stabbiliet il-legat a favur Salvu Caruana ma tistax tiġi analizzata *in vacuum* iżda fil-kuntest tar-<u>rieda sħiħa</u> tal-istess testatur kif minnu espressa.**

Fit-tielet artikolu tat-testment tal-2002 it-testatur missier il-kontentendenti fil-kawża , wara li ddikjara li hu kien konsapevoli tal-fatt li n-nofs indiviż tal-għalqa ma kienx tiegħu iżda tal-eredi ta' martu l-mejta, kompla jiddikjara hekk –

> *"...pero' jiddikjara li xorta wahda jrid li dan il-prelegat japplika ghall-ghalqa kollha. Fil-fatt huwa jiddikjara wkoll li l-hlasijiet imsemmija (Lm400 lil kull wiehed minn hutu l-ohra) qeghdin jigu mposti sabiex uliedu kollha jkunu sodisfatti li rcevew kumpens gust ta' kull sehem u nteress illi altrimenti kien ikollhom minn din l-ghalqa......It-testatur jiddikjara li huwa qed ihalli dan il-prelegat favur ibnu Salvu Caruana mhux sabiex jaghmel preferenzi bejn uliedu, imma ghaliex ihoss li meta matul hajtu ta donazzjonijiet lil uliedu, lil Salvu Caruana ma tahx l-ekwivalenti li ta lil hutu u ghalhekk huwa jassumi li b'dan il-prelegat tkun saret gustizzja maghha (sic)."*

Fl-istess artikolu l-missier saħansitra pprovda għall-possibilita' li l-legat jiġi rifjutat minn ibnu Salvu, inkluz li jkun intitolat li jirċievi s-somma ta' Lm500 (Eur1165) bi prelegat, u dan sabiex tkun saret ġustizzja fil-konfront tiegħu minħabba dak li ntqal qabel.

**Isegwi li, fil-fehma tal-Qorti, l-eżistenza ta' dan il-legat għandu skop speċifiku u motivazzjoni diretta cioe' li fuq xewqa tat-testatur dan iservi unikament bħala tpaċija ma' oġġetti oħra li ħut Salvu Caruana, inkluż l-atturi stess kienu rċevew mingħand l-istess testatur matul ħajtu u b 'hekk tinħoloq ekwita' u ugwaljanża tal-ġid distribwit.** Ċertament li fiċ-ċirkustanzi din ir-rieda ferma tat-testatur bħala missier tal-familja ma tistax tiġi leġġerment skartata f'għajnejn il-liġi. Għalhekk il-pretensjoni tal-atturi - li konvenjentement permezz tal-kawza odjerna qegħdin jippruvaw jinjoraw din ir-realta' familjari kif espressa fir-rieda testamentarja ta' missierhom li jagħmel ġustizzja bejn uliedu kollha permezz ta' proprjeta' formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti - ma treġix.

Jingħad ukoll li l-fatt li missier il-kontendenti stabilixxa s-somma ta' Lm400 (Eur931.75) li Salvinu Caruana kellu jħallas lil kull wieħed minn ħutu bħala kondizzjoni għall-għoti tal-prelegat hija wkoll legalment permissibbli u dan a tenur tal-artikolu 710 et seq tal-Kodici Civili li tipprovdi li –

> *"Kull dispozizzjoni b'titolu universali jew partikolari, tista' ssir minghajr ebda kondizzjoni jew taht kondizzjoni."*

Il-Qorti tirreferi għas-segwenti ġurisprudenza li in vista tas-similarita' tal-argumenti u kunsiderazzjonijiet li saru fihom ikomplu jsaħħu l-fehma tagħha għal fini tal-każ odjern:

**a. Albert Camilleri vs John Camilleri et deciz fl-14 ta' Novembru 2000 mill-Qorti tal-Appell –**

F'dak il-każ it-testatriċi kienet halliet b'titolu ta' prelegat fond lill-attur bl-obbligu fil-prelegatarju li jivversa fl-assi tal-istess testatrici ghal darba waħda s-somma ta' Lm5,000. Fir-rigward ta' dan il-prelegat it-testatriċi ddikjarat li taf li nofs indiviz ta' din id-dar jappartjeni lil zewgha mejjet.

Il-konvenuti kienu eċċepew li l-valur attribwit mid-*decuius* lill-proprjeta' li ma kinitx tagħha u li ħallietha b'legat huwa nferjuri għall-valur reali tal-proprjeta' in kwistjoni, u l-attur m'għandux dritt għall-immissjoni fil-pussess tagħha billi jipprova lill-komproprjetarji l-konvenuti mill-valur reali tas-sehem tagħhom mill-proprjeta' *de quo* mħollija lilhom minn missierhom, żewġ id-decuius li ħalliet il-legat lill-attur.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti kif riprodotta fis-sentenza msemmija kienet qalet hekk –

> *"Hawnhekk si tratta ta' legato di cosa altrui peress li n-nofs indiviz tad-dar imhollija lill-attur bhala prelegat kien jappartjeni lir-ragel tat-testratrici illi jidher li miet qabel l-istess testatrici. Jidher ghalhekk li l-istess nofs indiviz fil-hin tal-mewt tat-testatrici kien proprjeta' tal-kontendenti ndivizament bejniethom u dan probabilment bhala eredi universali ta' missierhom.*
>
> *Skond il-provedimenti tal-artrikolu 696, 697, 698 u 710 tal-Kodici Civili (Kap.16) il-legat in kwistjoni kien perfettament validu u effikaci skond il-ligi.*
>
> *Difatti jirrizulta li t-testatrici fl-imsemmi testment iddikjarat li kienet taf li l-fond in kwistjoni mholli bhala prelegat lill-attur ma kienx kollu taghha. Inoltre l-istess attrici ghazlet li tabbina mal-imsemmi prelegat kundizzjoni li binha l-attur kellu jhallas fl-assi taghha is-somma ta' Lm5000. Kondizzjoni li hi wkoll ghal kollox valida fil-ligi (vide artikolu 710 et seq tal-Kodici Civili);*
>
> *L-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti John Camilleri u Anthony Camilleri ma jistghux jigu akkolti peress li l-kondizzjoni illi l-attur ghandu jivversa fl-assi tat-testatrici l-imsemmija somma ma ghandha x'taqsam xejn mal-valur in kwistjoni. It-testatrici kieku riedet, setghet ma ghamlet xejn din il-kundizzjoni u xorta wahda l-prelegat kien ikun pjenament validu skond il-ligi. Difatti l-imsemmi artikolu 696 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi fil-kaz ta' legat 'di cosa altrui' il-werriet jista' jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b'legat sabiex jghaddiha lill-legatarju jew ihallas lill-istess legatarju l-valur gust tal-haga.*
>
> *Ghalhekk il-valur tal-haga, mhollija bhala legat jew prelegat u li tkun ta' haddiehor, hu mmaterjali ghall-finijiet tal-validita' tal-istess legat jew prelegat. L-attur ghalhekk ghandu kull dritt li jigi immess fil-pussess tal-fond in kwistjoni basta jivversa s-somma ndikata fl-assi tat-testatrici. Ma tqumx ghalhekk lanqas il-kwistjoni dwar li l-konvenuti ser jigu pprivati mill-valur reali tas-sehem taghhom mill-proprjeta' in kwistjoni."*

Minn dik is-sentenza kienu appellaw żewġ konvenuti iżda l-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak ir-raġunament –

> *"Sewwa spjegat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata li l-legat in kwistjoni huwa perfettament validu u effikaci skont il-ligi; fil-fatt, lanqas ma kien hemm in-necessita' li tabbina l-imsemmi prelegat bil-kondizzjoni tal-versament ta' hamest elef lira fl-assi ereditarji taghha da parti tal-legatarju u li fit-termini tal-artikolu 696 (1) tal-Kodici Civili, l-valur tal-haga mhollija bhala legat jew prelegat u li tkun tappartjeni lil*

*haddiehor, jigifieri l-valur tal-legat di cosa altrui, huwa mmaterjali ghall-finijiet tal-validita' ta' l-istess legat jew prelegat, stante proprio dak li jipprovdi l-istess artikolu li jaghti anke possibilita' lill-werriet illi jhallas l-istess legatarju l-valur gust tal-haga jew li jghaddi l-oggett lill-legatarju.*

*Thares minn fejn thares lejh effettivament, din il-qorti ma tistax tara kif legalment jistghu jingiebu argumenti jew aggravji validi biex jigi disturbat il-gudizzju tal-prim'istanza u konsegwentement din il-Qorti ser tghaddi biex tichad l-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati."*

b. **Profs. Ian Refalo noe vs Victor Borg Grech et deciz fil-31 ta' Jannar 2018**[41]

Il-kuntest ta' dan il-każ kien xi ftit differenti minn dak odjern iżda fih xorta hemm konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-kaz odjern.

F'dak il-każ f'testment *unica charta,* il-ġenituri tal-partijiet fil-kawża fost l-oħrajn, (a) ħallew lil min jibqa' ħaj minn fosthom l-użufrutt tal-ġid tagħhom, inkluż id-dar taż-żwieġ tagħhom, jiġifieri "*Id-Dar tas-Siġra*", fi Triq l-Arżnu, San Ġwann, b'kulma fiha millgħatba 'l ġewwa; (b) ħallew b'legat lil binhom l-imħarrek Victor is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) bħala rikonoxximent tal-fatt li lil binhom l-ieħor l-attur kienu ħallsulu l-edukazzjoni biex seta' jistudja barra minn Malta; (ċ) taw lil xulxin il-jedd li min jibqa' ħaj minnhom seta' jibdel it-testment tiegħu b'mod ieħor minn dak miftiehem fit-testment li sar flimkien, mingħajr ma jaqa' fil-penali maħsuba fil-liġi; (d) u ħallew bħala werrieta universali tal-ġid tagħhom kollu liż-żewġ uliedhom, Victor u Anthony, f'ishma ndaqs, imma jekk kemm-il darba xi wieħed minnhom jipprova jattakka t-testment, ikollu jedd biss għall-leġittima.

Wara l-mewt tal-omm, il-missier resaq fuq testment ieħor u filwaqt li kkonferma t-testment *unica charta* ħassar u rrevoka l-artikolu tiegħu li bih l-attur u l-konvenut ħuh inħatru bħala werrieta universali tat-testaturi, minflok ħalla b'titolu ta' prelegat (f'biċċa minnu "*di cosa altrui*") remuneratorju lill-konvenut u lil martu, id-dar taż-żwieġ tiegħu, flimkien ma' kulma jinsab ġo fiha, minkejja li kien jaf li l-istess imħarrek kellu diġa' sehem ta' kwart (1/4) minn dan il-fond (bis-saħħa tal-fatt li n-nofs tas-sehem tal-omm kien intiret mal-mewt tagħha) filwaqt li l-kwart (1/4) l-ieħor kien isejjaħ bħala sid lill-attur;

Dwar dan l-aspett il-Qorti qalet hekk –

*"Huwa minnu li l-fakulta' li tingħata lil min jibqa' ħaj fost testaturi f'testment "unica charta" li jista' jibdel it-testment bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet maħsuba fil-liġi, hija fakulta' li tippermetti lis-superstiti li jibdel jew iħassar it-testment biss safejn jolqot lil ġidu. L-imsemmija fakulta' ma kienet qatt mifhuma li s-superstiti jkun jista' jibdel ukoll id-dispożizzjonijiet testamentarji tat-testatur li jkun miet qabel. Il-miżżewġin Borġ Grech tabilħaqq taw lil min jibqa' ħaj minnhom il-fakulta' li jibdlu t-testment: imma b'fakulta' bħal dik, il-missier xorta ma setax*

[41] Cit 1032/99

*jibdel dak li kienet riedet l-omm fid-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha;*

*Illi l-missier inqeda bil-fakulta' mogħtija lilu mill-omm u, minbarra li bidel id-dispożizzjonijiet testamentarji safejn jolqot il-ġid tiegħu, inqeda bil-fakulta' li jħalli b'legat ġid li ma kienx tiegħu kollu u li kien jagħmel mill-ġid tal-omm. Dan sar bis-saħħa tal-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor jew fejn biċċa biss mill-ġid imħolli b'legat huwa tat-testatur;*

*Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, filwaqt li mhux qed jikkontestaw id-dritt li l-attur huwa intitolat għal sehmu mill-ġid tal-omm, jisħqu li l-fond imsejjaħ "Id-Dar tas-Siġra" (li kienet id-dar taż-żwieġ tal-ġenituri testaturi) ma baqax jifforma parti minn wirt l-omm, u dan minħabba l-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor li sar meta l-missier uża l-fakolta' li jiddisponi mod ieħor minn dak li hu u martu kienu qablu fuqu fit-testment unica charta u li bih ta bi prelegat lill-imħarrkin il-fond imsemmi. Jgħidu li, b'dan il-mod, l-attur inqata' għal kollox 'il barra mis-sehem li huwa seta' kellu minn dan il-fond;*

*[....]*

*Illi l-Qorti qieset sewwa l-argumenti taż-żewġ partijiet u għar-rigward tal-ġid ta' l-omm waslet għal fehma li d-difiża mressqa mill-imħarrkin għandha mis-sewwa. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-fakulta' li t-testaturi taw lil xulxin li min jibqa' ħaj minnhom seta' jibdel jew iħassar id-disposizzjonijiet li jkunu qablu fuqhom, fil-fatt toħroġ mil-liġi. Għalhekk, il-fatt li t-testatur inqeda minn dik il-fakulta' m'għandhiex tagħti lok għal sanzjonijiet dwar is-siwi ta' dak li għamel. Fit-tieni lok, "Id-dar tas-Siġra" kienet ġid tal-komunjoni tal-akkwisti tat-testaturi, u għalhekk it-testatur kellu nofs minnha filwaqt illi n-nofs l-ieħor huwa tal-attur u l-imħarrek bħala werrieta ta' ommhom. Fit-tielet lok, illi meta t-testatur kien qiegħed jiddisponi wkoll minn sehem martu u ddikjara espressament li huwa jaf li l-ħaġa jew il-jedd tappartjeni lil ħaddieħor, il-kliem użat fit-tieni testment jirrifletti dak li jiddisponi l-artikolu 698 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid: "Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha". Bi qbil ma' kliem il-liġi, ir-rieda tal-missier testatur kienet li d-dispożizzjoni testamentarja li biha ħalla d-dar ta' San Ġwann b'legat lill-imħarrkin flimkien kellha tgħodd ukoll għal dak li qabel kien sehem martu mill-imsemmi fond. Fir-raba' lok, il-liġi tgħid ukoll li legat bħal dak jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħaġa jew biċċa minnha tkun tal-werriet;"*

Ta' l-istess ħsieb kienet din il-Qorti diversament preseduta f'kawza b'indoli simili fejn saħansitra ngħatat eċċezzjoni li l-artikolu 696 ma japplikax għal legat in kwistjoni stante lil ġid mertu tiegħu kien jappartjeni lil-kommunjoni ta' l-akkwisti. Anke f'dan il-kaz il-Qorti caħdet din l-eċċezzjoni fuq l-istess insenjament hawn fuq riferut. Ara f'dan ir-rigward id-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Fava vs Emanuel Fava u Joseph Fava**[42] .

[42] Deċiża 7 ta' April, 2016; 223/20081ċċ

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, ma liema din il-Qorti tikkondividi pjenament, żgur ma jifdal ebda dubju li l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għax fil-kuntest legali li fih sar tali legat il-konvenut Salvu Caruana huwa ntitolat għall-għalqa sħiħa u mhux biss parti minnha.

Ferm il-premess il-Qorti tikkonkludi li –

i. Il-legat tal-għalqa fl-intier tagħha huwa wieħed validu u skont il-liġi;

ii. L-għalqa sħiħa diġa' kienet fil-pussess fiżiku tal-konvenut, fatt li huwa paċifiku bejn il-partijiet;

iii. Bis-saħħa tal-att ta' immissjoni fil-pussess tal-4 ta' Diċembru 2014 l-uniku werriet ta' John Caruana għadda b'mod formali l-legat in kwistjoni lill-legatarju Salvu Caruana.

Magħmula l-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti l-Qorti tqis li t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx li jintlaqgħu. U għall-istess raġunijiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jiġu akkolti.

Għal kull buon fini l-Qorti tinnota li t-testatur kien impona ħlas ta' Lm400 (€931.75) liema ħlas kien l-ewwel sar imma mbagħad ġie rtirat lura mill-konvenut Salvinu Caruana sabiex jirregola ruħu in vista tal-iżviluppi li kienu seħħew. Naturalment issa in vista tal-konklużjonijiet tal-Qorti u sabiex ir-rieda testamentarja ta' missier il-kontendenti sseħħ fl-intier tagħha il-konvenut Salvu Caruana ghandu jivversa l-ħlas dovut lill-ħutu, anke jekk fil-kuntest tal-parametri tal-kawza odjerna kif impustata din il-Qorti ma tistax tordna direttament biex dan isir. Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-atturi."

**<u>Rikors tal-appell tal-atturi (18.10.2018):</u>**

5. L-aggravji tal-atturi, in suċċint, huma s-segwenti:

(1) Is-sentenza appellata timmanifesta apprezzament żbaljat tar-relazzjoni bejn il-prinċipji bażilari li jirregolaw il-*legato di cosa altrui* u l-fatt pruvat li l-<u>appellanti m'humiex eredi ta' missierhom;</u>

(2) Ir-riferenzi għall-ġurisprudenza magħmula mill-Ewwel Qorti in sostenn tad-deċiżjoni tagħhom huma erronji għaliex jekk wieħed jistudjahom bir-reqqa joħroġ pależi li effettivament l-ebda waħda mis-sentenzi ma hija konkordi ma' dak li waslet għalih l-Ewwel Qorti;

(3) Il-proċedura legali sanzjonata fis-sentenza *in impugnanda* hija kompletament żbaljata u irritwali;

(4) L-Ewwel Qorti ttentat tagħti rimedju imsejjes biss fuq l-"ekwita`" (ċitata fis-sentenza) filwaqt li skartat dak li tgħid il-liġi.

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenuti:</u>**

6. Il-konvenuti wieġbu biex jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**<u>SFOND:</u>**

7. Il-konjuġi John u Antonia Caruana kellhom sebat itfal:

- Maria Teresa *sive* Marthese Cachia (attriċi)
- Josephine Ciappara (attriċi)

- Carmen Spiteri (attriċi)
- Emanuela *sive* Lilian Farrugia (attriċi)
- Salvinu (konvenut)
- George (konvenut)
- Philip (mhux parti fil-kawża).

8. Fit-testment *unica charta* tal-24 ta' April 1984 li għamlu l-konjuġi Caruana, huma istitwew lis-seba' (7) uliedhom bħala eredi universali tagħhom. Antonia Caruana mietet fit-18 ta' Lulju 1984, u abbażi tal-imsemmi testment, kull wieħed mis-seba' wliedha wiret $^{1}/_{7}$ mill-beni tagħha.

9. Wara l-mewt tagħha John Caruana għamel diversi testmenti. Ta' rilevanza għal dawn il-proċeduri huma dawk tas-7 ta' Marzu 2002 u tal-1 ta' Marzu 2012.

10. Bit-testment tas-7 ta' Marzu 2002, John Caruana ħalla bi prelegat lill-konvenut Salvinu Caruana għalqa sħiħa fil-Girgenti nonostante li tali għalqa kienet tifforma parti tal-komunjoni tal-akkwisti u allura kellu biss sehem ta' nofs (½) indiviż minnha. Fl-imsemmi testment it-testatur kien effettivament iddikjara li kien jaf li n-nofs (½) indiviż tal-għalqa jappartjeni lill-werrieta ta' martu (ċjoè uliedu), iżda sostna li xorta ried li tali prelegat japplika għall-għalqa kollha. Issir referenza għal dan il-bran mit-Tielet Artikolu ta' dan it-testment (sottolinejar ta' din il-Qorti):

> *"It-testatur iħalli b'titolu ta' prelegat u fi piena u assoluta proprjetà lil ibnu Salvu l-għalqa ta' kejl superfiċjali ta' cirka tlett itmien (3T) li għandha isem "Saint Joseph" fit-telgħa tal-Girgenti fil-limiti tas-*

> *<u>Siġġiewi, fiha kemm fiha kejl, bid-drittijiet, giustijiet u pertinenzi kollha tagħha. It-testatur jimponi fuq ibnu Salvu Caruana l-obbligu li jekk jaċċetta dan il-prelegat iħallas lil ħutu l-oħra kollha is-somma ta' erba' mitt Liri Maltin (Lm400) kull wieħed, ċjoè total ta' elfejn u erba' mitt Liri Maltin (Lm2,400). It-testatur jiddikjara li huwa jaf li jista' jkun li huwa mhux proprjetarju tal-intier ta' din l-għalqa peress li n-nofs indiviż tagħha jappartjeni lill-werrieta ta' martu mejta, pero` jiddikjara li xorta waħda jrid li dan il-prelegat japplika għall-għalqa kollha. Fil-fatt huwa jiddikjara wkoll li l-ħlasijiet imsemmija qegħdin jiġu mposti sabiex uliedu kollha jkunu sodisfatti li rċevew kumpens ġust ta' kull sehem u interess illi altrimenti kien ikollhom minn din l-għalqa.</u> It-testatur iżid jordna li fl-eventwalita` li wara mewtu ibnu Salvu Caruana jiddeċiedi li ma jaċċettax il-prelegat bl-obbligi imħollija lilu, huwa jkun obbligat li fi żmien erba' (4) xhur mill-mewt tat-testatur javża dwar dan ir-rifjut lill-werrieta kollha tat-testatur. Għal dan il-għan ittra sempliċi mibgħuta b'posta reġistrat tkun biżżejjed. Fl-eventwalita` li Salvu Caruana jinnotifika lil ħutu fis-sens li ma jridx jaċċetta l-prelegat tal-għalqa, allura jkun intitolat li joħodha bi prelegat ukoll min mill-werrieta l-oħra tat-testatur ikun iridha, pero` dejjem bl-obbligu li jagħmel il-ħlasijiet lil ħutu l-oħrajn, f' dak il-każ inkluż lil Salvu Caruana, kif dispost f' dan l-artikolu. Jekk ikunu jriduha aktar minn werriet wieħed allura tittella l-polza u joħodha bl-obbligu tal-ħlas min jitla' ismu. Fl-eventwalita` li jirrifjutawha l-werrieta kollha, allura titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ. Fi kwalunkwe każ min minn ulied it-testatur jaċċetta l-prelegat tal-għalqa, ikun intitolat li jirċievi bi prelegat ukoll l-għodda kollha li jkollu t-testatur ġol-kamra tal-istess għalqa. Jekk tkun terza persuna li tixtri din l-għalqa allura jiddisponu mill-għodda l-werrieta tat-testatur skont id-diskrezzjoni tagħhom. <u>It-testatur jiddikjara li huwa qiegħed iħalli dan il-prelegat favur ibnu Salvu Caruana mhux sabiex jagħmel preferenzi bejn uliedu imma għaliex iħoss li meta matul ħajtu ta donazzjonijiet lil uliedu, lil Salvu Caruana ma taħx l-ekwivalenti li ta lil ħutu u għalhekk huwa jassumi li b'dana l-prelegat tkun saret ġustizzja magħha</u>* **(sic).** *Fl-eventwalita` li Salvu Caruana jiddeċiedi li ma jaċċettax il-prelegat tal-għalqa bl-obbligu tal-ħlasijiet imposti fuqu b'dana l-artikolu, huwa jkun intitolat li jirċievi s-somma ta' ħames mitt liri Maltin (Lm500) bi prelegat, u dan sabiex tkun saret ġustizzja fil-konfront tiegħu minħabba dak li ntqal f' dana l-artikolu."*

11. Bit-testment tal-<u>1 ta' Marzu 2012</u> John Caruana imbagħad annulla l-Artikolu 5 tat-testment *unica charta* tal-1984 (fejn hu u martu kienu innominaw is-seba' (7) wliedhom bħala l-werrieta tagħhom) u minflok ħatar biss lill-konvenut George Caruana bħala l-<u>uniku eredi universali tiegħu</u>. It-tieni Artikolu jaqra hekk:

*"Bis-saħħa ta' dan it-testment tal-lum it-testatur iħassar u jannulla għal kkollox il-ħames (5) artikolu tat-testment tiegħu preċitat datat 24.04.1984 u bil-preżenti jordna li dan li ġej japplika minflok dan l-artikolu li qed jiġi annullat:*

*It-testatur jaħtar, jinnomina u jistitwixxi bħala werriet universali uniku tiegħu, padrun assolut tal-ġid kollu tiegħu, lil ibnu George Caruana, li joqgħod l-Awstralja, bis-sostituzzjoni tal-ulied rispettivi tiegħu f'każ ta' premorjenza.*

*Għal kull buon fini it-testatur jiddikjara li lil uliedu l-oħrajn ċjoè t-testatur, matul ħajtu tahom b'titolu gratuwitu għas-sodisfazzjon tagħhom ħafna aktar milli kien imisshom li kieku kellhom jieħdu l-porzjoni riservata lilhom bil-liġi, mentri lil dan George Caruana tah ħafna inqas milli ta lill-oħrajn. Anzi din id-dispożizzjoni favur George Caruana qed jagħmilha sabiex ikun ittratta lil uliedu bl-aktar mod ġust u ekwu possibbli. Għaldaqstant it-testatur irid u jordna li wara mewtu ħadd minn uliedu l-oħrajn ma għandu jkun jista' jivvanta xi talba jew xi pretenzjoni mingħand George Caruana fir-rigward tal-assi ereditarji tat-testatur."*

12. Wara l-mewt ta' John Caruana <u>fit-18 ta' Jannar 2014</u>, il-konvenut Salvinu Caruana aċċetta l-prelegat tal-għalqa imħolli lilu.

13. <u>Fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' April 2014</u> il-konvenut Salvinu Caruana ddikjara li l-għalqa magħrufa bl-isem "*Saint Joseph*" għaddiet għandu bil-mewt ta' missieru u ddikjara wkoll li l-valur veru, ġust u reali tal-għalqa huwa ta' <u>€65,500</u>. Żied jiddikjara li in adempiment tal-obbligu impost minn missieru li f'każ li jaċċetta l-imsemmi prelegat huwa għandu jħallas lil kull wieħed minn ħutu Lm400 kull wieħed, huwa bagħat €931.75 lil kull wieħed minn ħutu bil-posta reġistrata fit-3 ta' April 2014 u li mal-pagament huwa nnotifika lil ħutu li kien qiegħed jaċċetta l-għalqa.

14. Issa ħutu l-bniet (l-atturi odjerni) ma aċċettawx iċ-ċekkijiet li

bagħtilhom u assolutament irrifjutaw li jersqu għall-att biex jimmettuh fil-pussess tal-prelegat wara li fid-9 ta' Settembru 2014 interpellahom f'dan is-sens permezz ta' ittra uffiċjali. Huma fil-fatt fl-ittra uffiċjali responsiva tagħhom datata 2 ta' Ottubru 2014 enfasizzaw li ma jistgħux jiġu kostretti jbiegħu l-ishma tagħhom mill-għalqa li wirtu mingħand ommhom, u li wisq anqas jista' jiġi impost prezz fuqhom.

15. Sussegwentement fis-7 ta' Ottubru 2014 il-konvenut Salvinu Caruana ippreżenta ċedola ta' depożitu fejn iddepożita s-somma ta' €3,727 rappreżentanti l-ammont ta' €931.75 lil kull waħda minn ħutu l-bniet fejn iddikjara li dawn għandhom jiżbankaw il-flus wara li jkunu immittewh fil-pussess. Eventwalment, fl-24 ta' Ottubru 2014 huwa ppreżenta rikors ieħor fejn spjega li minħabba żviluppi li kienu rriżultaw fil-frattemp xtaq jirregola ruħu u għalhekk talab li jirtira u jiżbanka s-somma. Din it-talba tiegħu ġiet milqugħa b'digriet tal-24 ta' Novembru 2014.

16. Ftit jiem wara, permezz ta' att ta' immissjoni fil-pussess datat 4 ta' Diċembru 2014, il-konvenut George Caruana (l-uniku eredi tal-missier) rappreżentat mill-konvenuta Charlene Caruana (li tiġi bint Salvinu Caruana), immitta lill-konvenut Salvinu Caruana fil-pussess tal-prelegat imħolli lilu (*ossia* fil-pussess tal-għalqa intiera). Fuq l-istess att ġie dikjarat li in adempiment tal-obbligu impost fuq Salvinu Caruana in

konnessjoni mal-aċċettazzjoni tal-prelegat, l-istess Salvinu Caruana kien bagħat permezz tal-posta reġistrata €931.75 lil kull wieħed minn ħutu.

17. L-atturi però jargumentaw li huma m'humiex marbutin bit-testment ta' missierhom stante li m'humiex eredi tiegħu, u li huwa ma setax iġiegħlhom iċedu is-sehem tagħhom fuq l-għalqa favur il-legatarju Salvinu Caruana. Isostnu li s-sehem ta' $^{1}/_{14}$ li kull waħda minnhom għandha mill-għalqa in kwistjoni ma setax jiġi trasferit jekk mhux bil-kunsens tagħhom u permezz ta' att pubbliku. B'referenza għall-Artikolu 696(1)[43] tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwarda l-hekk imsejjaħ ***legato di cosa altrui***, isostnu li fiċ-ċirkostanzi fejn m'humiex disposti li jittrasferixxu s-sehem tagħhom fuq l-għalqa, l-eredi George Caruana kellu jirrikorri għall-għażla "l-oħra" konċessa lilu, ċjoè li jħallas lill-konvenut Salvinu Caruana l-valur ġust tas-sehem indiviż tal-għalqa li tappartjeni lilhom. Kien proprju għalhekk li rrifjutaw il-ħlas li bagħtilhom il-konvenut Salvinu Caruana u qegħdin jitolbu t-tħassir tad-dikjarazzjoni *causa mortis* u tal-att ta' immissjoni fil-pussess, u wkoll li ngħataw kopja taċ-ċavetta tal-għalqa.

18. L-Ewwel Qorti ma qablitx mal-argument tagħhom. Qieset li l-prelegat imħolli favur Salvinu Caruana kellu jiġi analizzat fil-kuntest tar-rieda sħiħa tat-testatur fejn qieset li dan il-legat kellu l-iskop speċifiku li

[43] 696. (1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.

jservi bħala tpaċija ma' oġġetti oħra li ħut Salvinu, inkluż l-atturi stess, kienu rċevew mingħand it-testatur matul ħajtu u b'hekk tinħoloq ekwità u ugwaljanza tal-ġid distribwit.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI DWAR L-APPELL:**

19. Mhux ikkontestat li l-għalqa mertu ta' din il-kawża kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi John u Antonia Caruana.

20. Lanqas ma hu kkontestat li s-sehem ta' nofs (½) indiviż li kellha l-omm, Antonia Caruana, minn din l-għalqa intiret mis-seba' (7) ulied, *ossia* kull wieħed mill-ulied wiret $^1/_7$ tas-sehem tal-omm, ċjoè $^1/_{14}$ mill-għalqa kollha.

21. Permezz tat-testment tiegħu tal-2002, il-missier, John Caruana, filwaqt li rrikonoxxa li għandu biss sehem ta' nofs (½) indiviż minn din l-għalqa, ħalla l-għalqa fl-intier tagħha bħala prelegat lil ibnu Salvinu Caruana u impona fuqu l-obbligu li f'każ li jaċċetta tali prelegat iħallas Lm400 lil kull wieħed mis-sitt (6) ħutu l-oħra. Dan il-prelegat tal-għalqa fil-fatt jikkonsisti f'żewġ legati: (i) l-legat (normali) tas-sehem ta' nofs (½) indiviż tat-testatur stess, u (ii) l-*legato di cosa altrui* ta' $^6/_{14}$ li kellhom ħut il-prelegatarju Salvinu Caruana (ovvjament Salvinu Caruana diġa kellu $^1/_{14}$ tal-għalqa, *ossia* is-$^1/^7$ li kien wiret min-nofs (½) indiviż tal-omm).

22. F'dak l-istadju li sar it-testment tal-2002 is-seba' (7) wlied tat-testatur kienu għadhom il-werrieta tiegħu, peress li kien għadu japplika l-ħames artikolu tat-testment *unica charta* tal-1984. Imbagħad fl-2012 it-testatur kien għamel testment ieħor li permezz tiegħu annulla tali ħames artikolu tat-testment *unica chart*a u minflok innomina lil ibnu George Cassar bħala l-uniku eredi tiegħu.

23. Issa b'referenza għall-**Artikolu 696(1)** tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li:

> *"Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha".*

L-Ewwel Qorti qieset li fejn testatur ħalla ***un legato di cosa altrui*** l-għażla qiegħda fuq il-werrieta li (i) jew jakkwistaw l-oġġett mingħand it-terz, jew (ii) iħallsu l-valur tal-oġġett lil-legatarju. Irriteniet li *essendo* George Caruana l-uniku eredi, kellu l-għażla li jagħmel waħda minn dawn iż-żewġ għażliet li toffrilu l-liġi. Hija qalet hekk:

> *"Evidentement huwa għażel li jakkwista l-oġġett, f'dan il-każ l-għalqa, mingħand it-terz, u ċjoè ħutu l-bniet…In fatti George Caruana formalment immitta lil ħuh Salvu fil-pussess tal-għalqa anke jekk din kienet diġa fiżikament fil-pussess tiegħu u ntbagħat il-ħlas tas-somma indikata minn missierhom lill-atturi."*

24. Għalkemm kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li l-werriet George Caruana kellu l-għażla li jakkwista mingħand it-terz l-oġġett (ċjoè ir-rimanenti $^{5}/_{14}$ mill-għalqa proprjetà tal-erba' atturi u ta' ħuhom Philip li

mhux parti fil-kawża, stante li l-werriet George Caruana kellu $^{1}/_{14}$ u l-prelegatarju Salvinu kellu $^{8}/_{14}$[44]) jew iħallas il-valur tal-oġġett, jidher li ma apprezzatx għal kollox il-fatt li l-erba' atturi (u ħuhom Philip) ma kinux għadhom werrieta bħal ma kienu fiż-żmien li sar il-*legato di cosa altrui*.

25. Li kieku l-aħwa kollha kienu werrieta tal-missier, ma kienx ikun hemm il-bżonn li l-*legato di cosa altrui* jiġi "akkwistat" mingħand terzi: kien ikollhom sempliċiment jgħadduh lill-prelegatarju. Li kieku l-aħwa kollha kienu werrieta tal-missier, l-għażla kkontemplata fl-Artikolu 696(1) ma kinitx tapplika għaliex dak il-provvediment japplika meta l-*legato di cosa altrui* ikun ta' terzi u l-werrieta jkollhom "jakkwistawha" mingħand it-terzi sabiex jimmettu lil-legatarju fil-pussess tal-oġġett imħolli b'legat, jew iħallsu lil-legatarju l-valur tal-oġġett.

26. Ladarba l-atturi (u anke ħuhom Philip) ma humiex werrieta u huwa biss George Caruana l-uniku werriet, mela allura George Caruana kellu jew jakkwista permezz ta' att pubbliku is-sehem ta' $^{5}/_{14}$ tal-għalqa mingħand l-atturi (u ħuhom Philip) bħala terzi estranji, ovvjament għall-prezz aċċettat minnhom, jew iħallas lil Salvinu Caruana l-valur ta' dawn il-$^{5}/_{14}$. Rilevanti ferm huwa l-bran ċitat mill-atturi appellanti mill-insenjament ta' Torrente & Schlesinger (Manuale di Diritto Privato, Giuffrè, 2007, §665):

---

[44] In-$^{1}/_{2}$ tal-missier u s-$^{1}/_{7}$ min-$^{1}/_{2}$ tal-omm

> *"la legge tuttavia, in previsione dell'ipotesi che il terzo non voglia alienare la cosa o pretenda un prezzo eccessivo, gli consente di liberarsi dall'obbligazione pagando il giusto prezzo (obligazione semplice con facultas solutionis)."*

27. Il-werriet George Caruana m'għamel xejn minn dan. Huwa sempliċiment qabad u immitta lil Salvinu Caruana fil-pussess tal-għalqa kollha (inkluż il-$^{5}/_{14}$ tal-atturi u ta' ħuhom Philip) fejn fuq l-istess att ta' immissjoni saret dikjarazzjoni li l-prelegatarju Salvinu kien bagħat €931.75 (Lm400) lil kull wieħed minn ħutu skont it-testment. Iżda dan l-ammont ta' €931.75 bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa l-"prezz" li l-atturi (bħala terzi estranji) kienu tenuti jaċċettaw mingħand il-werriet sabiex jittrasferulu s-sehem tagħhom mill-għalqa, biex dan imbagħad jgħaddiha lill-prelegatarju. Minbarra dan, l-istess ammont li huwa kien iddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti bħala l-"prezz" dovut lill-atturi appellanti, reġa' rtirah qabel ma sar il-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess u b'hekk ġie li lanqas imqar ħallas lill-atturi l-ammont imsemmi fit-testment tal-missier.

28. Għandhom raġun għalhekk l-atturi jħossuhom aggravati mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Ladarba m'humiex werrieta ta' missierhom, u ladarba m'humiex marbutin mit-termini tat-testment tiegħu, bħala terzi estranji ma setgħux ikunu kostretti jċedu s-sehem tagħhom kontra r-rieda tagħhom, u wisq anqas għall-ammont ta' Lm400 (€931.75) impost minn missierhom f'testment li sar fi żmien meta huma kienu għadhom meqjusa minn missierhom bħala werrieta tiegħu.

29. Għandu jingħad ukoll li ladarba l-atturi m'humiex werrieta ta' missierhom John Caruana, il-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-fatt li hawnhekk si tratta ta' wirt "familjari" u dwar li t-testatur kien ħalla dan il-*legato di cosa altrui* biex tinħoloq ugwaljanza tal-ġid distribwit m'għandhom assolutament l-ebda rilevanza, u ma jbiddlu xejn minn dak ritenut minn din il-Qorti iżjed 'il fuq.

**DECIDE:**

30. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tħassar is-sentenza appellata u konsegwentement qiegħda:

(i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li kull waħda mill-atturi hija sid ta' $^{1}/_{14}$ mill-għalqa "*St Joseph*" fil-Girgenti, u li dan is-sehem ma setax jiġi trasferit jekk mhux bil-kunsens tagħhom permezz ta' att pubbliku;

(ii) Tilqa' t-tieni talba u tħassar u tannulla d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula mill-konvenut Salvinu Caruana u pubblikata fl-atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi tat-22 ta' April 2014 f'dak kollu li jirrigwarda l-ishma proprjetà tal-atturi mill-għalqa "*St Joseph*" fil-Girgenti;

(iii) Tilqa' t-tielet talba u tħassar u tannulla l-att ta' immissjoni fil-pussess tal-4 ta' Diċembru 2014 in atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi għal dak li jirrigwarda sehem l-atturi mill-għalqa "*St Joseph*" fil-Girgenti;

(iv) Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut Salvinu Caruana (li huwa fiżikament fil-pussess tal-għalqa in kwistjoni) biex jgħaddi kopja taċ-ċavetta tal-istess għalqa lill-atturi biex b'hekk jiġu reintegrati fil-pussess tal-beni tagħhom.

31. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellati Salvinu u George Caruana.

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr